# IL-ĠLIEDA GĦALL-MALTI TIBQA'

IL-ĠLIEDA għall-ilsien Malti jeħtieġ tibqa' sejra sakemm il-Maltin kollha jifhmu li mingħajru aħna qisna bħan-nies maħruġin barra mill-wirt ta' misserijiema.

Il-Malti hu biċċa minn Malta u t-tnejn ma jistgħux jinfirdu minn xulxin mingħajr ma jmutu t-tnejn, bħalma ġisem imut meta jinfired minn ruħu. Aħna la qatt fhimna u lanqas nistgħu nifhmu l-ilsien Malti bħala hu biss u waħdu l-għodda tal-kultura tagħna nazzjonali. Aħna l-Malti dejjem xebbaħnieh ma' xitla li għeruqha jitħawlu fil-ħamrija ta' Malta u li, meta dina x-xitla mbagħad tikber u ssir siġra, tifrex il-friegħi tagħha sa fejn ilaħħqu. Fi kliem ieħor, aħna nemmnu f'kultura nazzjonali, bl-għeruq tagħha f'art twelidna u l-friegħi mbagħad mifruxin fuq il-ħamrija ta' kulturi oħra. Il-lingwi tad-dinja tista' tqishom bħal ħafna siġar imħawlin fil-ħamrija ta' l-istess ġnien bl-għeruq tagħhom jerdgħu t-tira mill-istess ħamrija, u kull waħda minnhom tagħti l-frott tagħha li bih tingħażel minn siġar oħra. Din it-tixbiha taqbel ħafna għal Malta. Fid-dinja mhux kultura waħda hemm, imma ħafna. Il-popli kollha għandhom il-wirt tal-ġenju ta' nisilhom. Kien ikun għajb għalina l-Maltin kieku aħna ma sibniex ir-rokna tagħna fil-ġnien kbir tal-kultura tad-dinja. Nistagħġeb ħafna b'dawk il-Maltin l-aktar il-qodma dejjem aktar iebsa, li għadhom ma daħlux fl-ispirtu ta' żmenijiet ġodda, li għadhom ma bdewx igħożżu wirt missirijietna sħiħ u bla mittiefes.

Kien hemm min ħaseb, għax moħħu ma jilħaqlux, li l-Malti jaqtagħna mill-Ewropa. Jekk hemm ħaġa li tista' taqtagħna mhux biss mill-Ewropa iżda mid-dinja kollha, hija mhux l-ilsien Malti iżda l-injoranza. Il-lum il-Malti, biex nibqgħu bl-istess tixbiħa, sar siġra li xenxlet għeruq kbar. L-għeruq jiħxienu u jibqgħu jiħxienu għax issa laħqgħet ġenerazzjoni oħra li s-sinsla tagħha hija iżjed magħquda, il-għaliex iż-żgħażagħ ħasbu iktar b'rashom milli għamlu ħafna ta' qabilhom li, għall-ħsieb jew ieħor, qdew aktar lill-barranin milli lill-Maltin. It-tama tagħna qiegħda fiż-żgħażagħ, u l-aktar fl-iskejjel fejn issa t-tagħlim tal-Malti qed jingħatalu żmien aktar minn qabel. Ma nistgħux nibqgħu sejrin nitilfu ġenerazzjoni ta' żgħażagħ waħda wara l-oħra, u fl-istess ħin nitkabbru bl-indipendenza ta' pajjiżna, meta dina l-indipendenza hija ħrafa.

Tassew battala hija l-mistoqsija li jsaqsu: "Imma bil-Malti kif ser niftiehmu ma' pajjiżi oħra? Kif sa nkunu nistgħu ninneguzzjaw magħhom?" Din il-mistoqsija sejjaħtilha battala għax ma fihiex sustanza. L-ewwel xogħol ta' kull ilsien f'pajjiżu huwa li jaqdi l-poplu li jitkellmu fil-bżonnijiet ta' kuljum u fil-ħtiġijiet artistiċi tiegħu li joħolqu x-xogħlijiet tal-letteratura bil-kelma l-miktuba fil-proża u fil-versi.

Għall-ħtieġa ta' komunikazzjoni ma' pajjiżi oħra, aħna għandna l-lingwa Ingliża li l-lum tista' tissejjaħ il-lingwa franka tal-biċċa l-kbira tad-dinja. L-Ingliż, fi kliem ieħor hu waħda mill-ftit lingwi l-kbar li n-nies jinqdew biha għall-komunikazzjonijiet internazzjonali. X'uħud għandhom il-fehma ħażina li kull lingwa oħra li jitkellmuha l-miljuni hi tajba biex wieħed jitkellem biha f'pajjiżi oħra. Dan mhux minnu. Nieħdu t-Taljan, il-lingwa ta' waħda mill-aqwa letteraturi tad-dinja; fil-kungress internazzjonali l-istess professuri Taljani jaqraw l-istudji tagħhom l-aktar bil-Franċiż, lingwa oħra internazzjonali u qatt bit-Taljan għax inkella s-sala li jitkellmu titbattal. U dan ħafna drabi ġo pajjiżhom stess. Fil-laqgħa ta' Retturi ta' l-universitajiet ta' l-Ewropa li saret Baden-Bei-Wien fit-18 ta' Novembru, 1970, żewġ lingwi biss kienu magħrufin bħala uffiċjali – l-Ingliż u l-Franċiż. Dan qed ngħiduh biex nuru li mhux il-Malti biss hu marbut mal-pajjiż fejn l-aktar hu mitkellem, imma ħafna mill-ilsna ta' pajjiżi oħra fejn jitkellmuhom mhux ftit eluf bħalna iżda miljuni.

Bħala eżempju ta' dan nista' nsemmi dawn l-ilsna: il-Bengali, iċ-Ċiniż, iċ-Ċekoslovak, id-Daniż, l-Olandiż, is-Swahili, il-Fillandiż, il-Grieg, il-Hawsa, il-Lhudi, l-Icelandik, l-Indoneżjan, l-Irlandiż, il-Ġappuniż, il-Malej, in-Norveġjan, il-Persjan, il-Pollakk, ir-Russu, is-Samoan, is-Serb-Kroat, l-Ispanjol, l-isvediż, it-Tork, l-Urdu, il-Welsh, u l-Yoruba. Minn

dawn, il-Ġermaniż hu ħafna drabi waħda mill-lingwi ta' l-istudjużi, l-Ispanjol, hu lingwa mxerrda fl-Amerika Latina u r-Russu, li l-istudju tiegħu dejjem qed tikber, fl-Ewropa huwa l-lingwa uffiċċjali ewlenija barra li fir-Russja, bħal Malti f'Malta, fil-pajjiżi kollha Komunisti.

Hekk qegħdin naraw kemm hu minnu li l-lingwa ta' kull poplu qiegħda l-ewwelnett biex taqdi lil dawk f'art twelidu u mbagħad jekk dawn jeħtieġu oħra biex jinftiehmu ma' popli akbar, jistudjaw il-lingwa barranija li jeħtieġu għal daqshekk. Iżda l-ebda poplu li jirrispetta lilu nnifsu ma jiċħad il-lingwa tiegħu jonkella jkażbarha jew iżommha taħt ilsien ieħor barrani f'art twelidu.

X'uħud minnha l-Maltin ma jurux għaqal biżżejjed meta jċekknu l-Malti biex ikabbru l-Ingliż. Biex tkabbar l-Ingliż m'hemmx bżonn iċċekken il-Malti! Ma nitkessħux u ma niġġennux! L-Ingliż għandna bżonnu kif għandna bżonn it-Taljan u l-Franċiż u, għal min isib iż-żmien, l-Ispanjol, il-Ġermaniż u r-Russu. Iżda f'pajjiżna, fejn nitiweldu, ngħixu, nikbru u mmutu, għandna bżonn fuq kollox ta' l-ilsien Malti ħalli bih nibqgħu nkabbru l-wirt tal-letteratura żagħżugħa li tagħżilna minn ġnus oħra waqt li tgħaqqadna magħhom, hekk kif il-Bandiera tagħna Bajda u Ħamra tgħaqqadna ma' ġnus oħra ċċivilizzati waqt li tagħżilna minnhom bħala poplu.

Ġ. AQUILINA